MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 722/2008/1

**Lily Properties Limited**

**vs**

**Cachia and Galea Limited, Joseph Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-Art. 873 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ikkunsidrat illi s-socjeta` rikorrenti qed titlob il-hrug ta` dan il-mandat ta` inibizzjoni sabiex tikkawtela dritt li tikkontendi li ghandha. Is-socjeta` rikorrenti tghid li dan id-dritt taghha huwa ghar-rifuzjoni ta` mija u hdax-il elf, tmien mija u ghaxar ewro (€111,810) li kienet hallset fuq konvenju ghat-trasferiment tal-propjeta` li issa qed tipprova zzomm lis-socjeta` intimata milli tbiegh.

Dawn il-Qrati kellhom hafna okkazzjonijiet fejn elenkaw ir-rekwiziti kumulattivi li jehtieg li jissussistu qabel ma jinhareg mandat ta` inibizzjoni (Ara Mugliett vs Bonnici – 25/1/05 u Xuereb vs Hili 22/9/95) (Tabone vs Verdala Mansions) 16/7/07).

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li dawn ir-rekwiziti imposti mil-ligi gew fil-fatt sodisfatti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba definittivament.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------